31993R1825

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1825/93
tas-7 ta' Lulju 1993
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1667/93 [2], u partikolarment l-Artikolu 9

Filwaqt li biex tassikura applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa neċessarju li tadotta l-miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-merkanzija msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Filwaqt li r-Regolament (EEC) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali fuq l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bażata kollha jew parti minnha fuqha jew li żżidilha xi sub-diviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tal-Komunità, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni tat-tariffa jew miżuri oħra relattati mal-kummerċ fil-merkanzija;

Filwaqt li, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandha tiġi klassifikata skond il-kodiċi NM xierqa indikata fil-kolonna 2, permezz tar-raġunijiet kif stipulati fil-kolonna 3;

Filwaqt li huwa xieraq li informazzjoni vinkolanti fuq it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura magħquda u li m'hijiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 [3], emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2674/92 [4], għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk kuntratt vinkolanti ġie konkluż kif indikat fl-Artikolu 14 (13) (a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90 [5]

Filwaqt li, l-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta f'kolonna 1 tat-tabella annessa hija issa klassifikata fis-sens tan-nomenklatura magħquda skond il-kodiċi NM xierqa indikata f'kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li m'hijiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk kuntratt vinkolanti ġie konkluż kif indikat fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) ta' Regolament (KEE) Nru 1715/90.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ġurnata mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 7 ta' Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 158, tat-30.6.1993, p. 25.
(3) ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 17.
(4) ĠU L 271, tas-16.9.1992, p. 5.
(5) ĠU L 160, tas-26.6.1990, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni tal-merkanzija	Klassifikazzjoni kodiċi NM	Raġunijiet
1	2	3
1. *Methoprene* tekniku kontenenti piż ta' 90 % jew aktar ta' *methoprene* (total ta' isomeri), b'residwu ta' impuritajiet mill-proċess ta' manifattura, mhux magħmul f'forom għall-bejgħ bl-imnut.	2918 90 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1.(a) sa Kapitlu 29, Nota 1.(a) (2) sa Kapitlu 38 u bit-testi tal-Kodiċi tan-NM 2918 u 2918 90 00
2. Gamma-Cyclodextrin	2940 00 90	Il-klassifikazzjoni hija determinata mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mil-kliem ta' kodiċi NM 2940 00 u 2940 00 90